MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 343/2004

**Avviz numru 343/04DM**

**United Acceptances Finance Limited (C-360)**

**Vs**

**Emanuel Cassar I.D. Nru: 45265 (M) u Teresa sive Tessie Cassar I.D. Nru:105062 (M) in solidum bejniethom**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema il-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenuti ghall hlas tas-somma ta’ elf sitt mija, sebgha u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm1,667.36), import ta’ kambjali minnhom iffirmati u accettati, kopji ta’ liema kambjali huma annessi u mmarkati minn dokument 1 sa dokument 20, liema

kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l- konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni;
.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kopji tal-kambjali in kwistjoni, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf sitt mija, sebgha u sittin lira Maltin u sitta u tletin centezmi (Lm1,667.36) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet kif mitluba, u prevja prezentata fl-atti tal-kambjalijiet originali.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------